



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Seduta Plenarja*

**A7-0325/2010**

15.11.2010

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KEE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima  
(COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS))

Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: David Casa

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

Pàġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error!**  
**Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

PROCĊEDURA.....**Error! Bookmark not defined.**



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KEE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima (COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0331),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0173/2010),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0000/2010),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ġiet emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat FUE;
  3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**  
**Premessa 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li

*Emenda*

(4) Sakemm isiru l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-VAT li hija mistennija li

---

<sup>1</sup> Opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima.

tindirizza l-arranġamenti fil-futur u livelli korrispondenti ta' armonizzazzjoni, ikun prematur li jiġi stabbilit livell permanenti ta' rata standard jew li jiġi kkunsidrat li jinbidel il-livell ta' rata minima. ***L-enfasi tal-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandha tkun ir-riforma tar-regoli tal-VAT b'mod li jippromwovi attivament l-oġettivi tas-suq intern. L-istrateġija l-ġdida tal-VAT għandu jkollha l-għan li tnaqqas il-piż amministrattiv, telimina l-ostakli relatati mat-taxxa u ttejjeb l-ambjent kummerċjali, b'mod partikolari għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u dawk b'ammont kbir ta' xogħol, filwaqt li tiżgura s-saħħa tas-sistema kontra l-frodi.***

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Huwa għalhekk xieraq li tinżamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15% għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni.

#### *Emenda*

(5) Huwa għalhekk xieraq li tinżamm ir-rata standard minima kurrenti ta' 15% għal perjodu ieħor li jkun twil biżżejjed biex tiġi żgurata ċertezza legali, filwaqt li tiġi permessa aktar reviżjoni, ***billi tintuża l-Istrateġija tas-Suq Uniku bħala linja gwida f'dan ir-rispett.***

## Emenda 3

### Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-risultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida.

#### *Emenda*

(6) Dan ma jeskludix aktar reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-VAT qabel il-31 ta' Diċembru 2015 biex tindirizza r-risultat tal-istrateġija tal-VAT il-ġdida. ***Għalhekk, jekk possibbli, għandu jkun hemm pass 'il quddiem lejn sistema definittiva qabel il-***

31 ta' Diċembru 2015.

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda  
Artikolu 1 a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 1a***

***Riżeami***

***1. Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġiżlattivi biex il-livell tar-rata minima tranżitorja attwali tal-VAT jiġi sostitwit b'sistema definittiva.***

***2. Sabiex jiġi implimentat l-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni għandha torganizza konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet kollha interessati, pubbliċi u privati, dwar l-istrateġija l-ġdida tal-VAT. Dawn il-konsultazzjonijiet mill-inqas għandhom jindirizzaw ir-rati tal-VAT, inkluż ir-rati mnaqqa tal-VAT, kif ukoll kemm ikun mixtieq li titwaqqaf rata massima, l-ambitu tal-VAT, id-derogi mis-sistema, l-għażliet alternattivi għall-istruttura u t-tħaddim tal-VAT, inkluż il-post li għandu jkollha t-tassazzjoni għall-provvisti fi ħdan l-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultat ta' dawn il-konsultazzjonijiet.***

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduzzjoni

Bil-proposta tagħha, il-Kummissjoni qed tipproponi estensjoni b'5 snin tar-rekwiżit attwali għall-pajjiżi tal-UE li jkollhom standard minimu ta' rata tal-VAT ta' 15%. Għalhekk, il-proposta mhux se jkollha konsegwenzi f'termini ta' rati tat-taxxa. Il-Kummissjoni qed tipproponi li l-estensjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 u tibqa' tgħodd sal-31 ta' Diċembru 2015. Il-bażi ġuridika tal-Proposta huwa l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

### Sfond

Sabiex jitwaqqaf is-suq intern mingħajr fruntieri f'Jannar 1993, il-Kummissjoni kienet ressqet proposti bl-għan li titwaqqaf sistema definittiva ta' armonizzazzjoni fiskali. Fir-rigward tar-rati, il-Kummissjoni inizjalment ipproponiet struttura ta' armonizzazzjoni fiskali b'żewġ rati obbligatorji tal-VAT (rata standard u rata mnaqqsa) u armonizzazzjoni (mifruq fuq faxxa) tar-rati applikati mill-Istati Membri.

Madankollu, meta deher ċar li kien se jkun impossibbli li jintlaħaq ftehim politiku fil-Kunsill biex jiġu adottati l-proposti tal-Kummissjoni qabel l-1 ta' Jannar 1993, il-Kunsill iddeċieda li jadotta sistema tranżitorja. B'rabta mar-rati, huwa adotta d-Direttiva 92/77/KEE, li approssimat ir-rati u introduċiet sistema ta' rati minimi. Id-Direttiva stipulat li mill-1 ta' Jannar 1993 sal-31 ta' Diċembru 1996, ir-rata standard ma setgħetx tkun aktar baxxa minn 15%. Din id-dispożizzjoni minn dak iż-żmien għet estiża erba' darbiet. L-aħħar estensjoni tibqa' tgħodd sal-31 ta' Diċembru 2010.

Is-sħubijiet il-ġodda tal-2004 u tal-2007 ma rriżultawx f'tibdil fis-sitwazzjoni fejn jidhru r-rati tal-VAT, li għadhom ivarjaw minn 15% sa 25% fis-27 Stat Membru (ara l-anness). Il-Kummissjoni kkonfermat li l-ebda Stat Membru ma esprima oġġezzjoni għal estensjoni tar-rata tal-VAT standard.

Biex jinżamm il-livell miksub ta' armonizzazzjoni tar-rati, il-Kummissjoni darbtejn ressqet proposti biex ikun hemm firxa ta' rati standard b'rata minima ta' 15% u rata massima ta' 25%. (COM(95)731 u COM(1998)693). Il-firxa għet stabbilita meta tqiesu r-rati applikati fil-prattika mill-Istati Membri, fejn ir-rati standard dejjem kienu jvarjaw bejn 15% u 25%.

Fiż-żewġ każijiet, il-proposti ta' approssimazzjoni tar-rati ġew emendati mill-Kunsill, li żamm biss il-prinċipju ta' rata minima b'referenza għar-rata minima ta' 15% mqabbla mas-sistema mdaħħla permezz tad-Direttiva tal-1992.

Madankollu, meta ġew adottati d-Direttivi sussegwenti (96/95/KE, 1999/49/KE, 2001/4/KE u 2005/92/KE), il-Kunsill qabel li, minflok, idaðħhal id-dikjarazzjoni li ġejja fil-minuti tal-Kunsill:

*"L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom - safejn jista' jkun previst illum - li mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 se jagħmlu kull sforz biex jevitaw milli jwessgħu l-medda*



*attwali ta' 10 punti perċentwali aktar mir-rata standard l-aktar baxxa attwali applikata mill-Istati Membri."*

### **Valutazzjoni preliminari tar-Rapporteur - Il-ġejjieni tas-sistema tal-VAT**

Fil-proposta attwali tagħha, il-Kummissjoni qed tindika li l-iskop tal-estensjoni mhuwiex biss li tingħata iktar ċertezza ġuridika lin-negozji, li hija ħaġa li r-Rapporteur jappoġġa bis-sħiħ, iżda wkoll li tkun tista' ssir valutazzjoni ulterjuri tal-livell adegwat tar-rata standard tal-VAT fil-livell tal-UE.

Fl-iskabju tal-fehmiet tiegħu mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kummissarju Šemeta ħabbar li l-Kummissjoni se tnedi Green Paper dwar ir-rieżami tas-sistema tal-VAT bl-għan li jinħoloq ambjent iktar favorevoli għan-negozji u sistema iktar sempliċi u b'saħħitha għall-Istati Membri. Ir-Rapporteur iqis li l-Kummissjoni m'għandhiex biss teżamina mill-ġdid il-kwestjoni speċifika tar-rata standard tal-VAT u ta' rati oħra, iżda wkoll, kif imħabbar mill-Kummissarju, il-kwestjoni usa' tal-istrateġija l-ġdida tal-VAT, inkluż l-ambitu tal-VAT u d-derogi.

Ir-Rapporteur ifakkar li s-sistema attwali tal-VAT, bil-kumplessità miżjuda tagħha, mhux biss f'termini ta' rati, mhix qed tlaħħaq mal-progress li qed isir fis-Suq Intern. Dan iqiegħed f'pożizzjoni ta' żvantaġġ lin-negozji Ewropej, partikolarment lill-SMEs. Barra minn hekk, kif fakkar il-Parlament Ewropew fil-passat, is-sistema tal-VAT kif inhi maħsuba u implimentata attwalment mill-Istati Membri, għandha nuqqasijiet li min jikkommetti frodi jista' jużahom għall-vantaġġ tiegħu, u dan jiswa biljuni ta' Euro lill-introjtu mit-taxxi.

Għalhekk, ir-Rapporteur ihegġegħ lill-Kummissjoni tressaq ir-riżultati tal-analiżi tagħha mill-iktar fis u tinvolvi lill-Parlament Ewropew fid-dibattitu tagħha.

## **Anness**

### ***Rati Standard tal-VAT fl-Istati Membri***

<i>L-Istati Membri</i>	<i>Rata standard</i>
Belġju	21
Bulgarija	20
Repubblika Ċeka	20
Danimarka	25
Ġermanja	19
Estonja	20
Greċja	23
Spanja	18
Franza	19,6
Irlanda	21
Italja	20
Ċipru	15
Latvja	21
Litwanja	21
Lussemburgu	15
Ungerija	25
Malta	18
Pajżii l-Baxxi	19
Awstrija	20
Polonja	22
Portugall	21
Rumanija	24
Slovenja	20
Slovakkja	19
Finlandja	23
Svezja	25
Renju Unit	17,5

## PROCĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Direttiva 2006/112/KEE dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud f' dak li għandu x'jaqsam mal-perjodu ta' obbligu li tiġi rispettata r-rata standard minima	
<b>Referenzi</b>	COM(2010)0331 – C7-0173/2010 – 2010/0179(CNS)	
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	8.7.2010	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 7.9.2010	
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	David Casa 6.7.2010	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	4.10.2010	26.10.2010
<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.11.2010	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 40	-: 0
	0: 2	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Burkhard Balz, Godfrey Bloom, Sharon Bowles, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Markus Ferber, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Sławomir Witold Nitras, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool	
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Thijs Berman, Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Robert Goebbels, Sophia in 't Veld, Arturs Krišjānis Kariņš, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Bernhard Rapkay, Pablo Zalba Bidegain	
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Knut Fleckenstein	